Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 138/2013

**Natalino Fenech**

**Vs**

**Saviour Balzan u Matthew Vella**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' rikors prezentatfl-10 ta' Mejju 2013, l-attur talab lil Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddikjara li l-artikolu intitolat *"PBS spent 10 days without a head of news"* ppubblikat fuq is-sit elettroniku *www.malta.today.com.mt* tat-8 ta' Mejju 2013 huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk talab ukoll lil Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati, bhala edituri tal-pubblikazzjoni, ihallsu danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Permezz ta' risposta, l-intimati wiegbu illi Saviour Balzan ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhux il-legittimu kontradittur, u fuq il-meritu li l-artikolu ma huwa xejn ghajr *fair comment*.

3. Permezz ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet is-segwenti:

   *"Ikkundannat l-artikolu intitolat 'PBS spent 10 days without a head of news' imtella fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk*

   *Ikkundannat lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 248.*

   *Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu a karigu ta' l-intimati in solidum bejniethom."*

   Illi minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti. L-ilmenti taghhom jitrattaw

   i. Fl-apprezzament hazin tal-provi u l-kontestwali apprezzament hazin tal-principju legali tal-'qarrej ordinarju'. L-ewwel qorti minghajr spjegazzjoni jew motivazzjoni ikkonkludiet li fl-artikolu intqal li l-

appellat *"abbanduna l-post tax-xoghol tieghu"*. Kelma li timplika li dak li jkun gie jaqa' u jqum minn kollox. Timplika agir impulsiv, traskurat u immatur. Pero dik ma kinitx il-kelma li nktibet. Il-kelma 'left', li ntuzat fil-post, tfisser biss li dik il-persuna ghazlet volontarjament li ma tibqax tahdem fil-post fejn kienet tahdem.

ii. Ma nkiteb xejn malafamanti f'li wiehed ighid li xi hadd telaq mix-xoghol. L-appellanti m'ghandhomx jigu penalizzati ta' nuqqas ta' precizjoni de minimis li ma kienet tal-ebda pregudizzju ghall-appellat. Dak li nkiteb ma jakkordax lill-attur agir illecitu jew ta min jistmerru, u certament ma thammiglux ir-reputazzjoni tieghu.

4. Permezz ta' twegiba pprezentata fl-4 ta' Novembru, 2016, l-attur wiegeb illi:

i. Ghandu jigi kkunsidrat jekk l-appell ghandux jitqies null stante illi ma fiehx sunt tal-fatti kif mitlub mil-ligi;
ii. Minghajr pregudizzju li fil-mertu l-appell ghandu jigi michud stante illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghal kollox preciz u akkurat tal-import tal-kliem rilevanti u waslet ghall-konkluzjoni ghal kollox ragonevoli illi l-qarrej ordinarju kien fil-fatt jaghti tifsira lill-istess kliem illi twassal ghal malafama fil-konfront ta' l-attur.
iii. *The sting of the libel* hu li l-attur abbanduna x-xoghol.
iv. L-ebda gbid u tidwir fit-tifsira ordinarja tal-kliem ma tista' *ex post facto* tillibera lill-appellanti mill-htija bazika taghhom: asserixxew illi l-attur abbanduna xogholu u halla l-Kamra tal-Ahbarijiet bla Kap ghal ghaxart ijiem, meta dan semplicement ma kienx minnu;

5. B'sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) ghal-malafama li saret fil-konfront tieghu bil-pubblikazzjoni ta' artiklu fuq is-sit elettroniku http://www.maltatoday.com.mt fit-8 ta' Mejju, 2013 bit-titlu *"PBS spent 10 days without a head of news"*.

6. L-artiklu jaqra:

> *"The Public Broadcasting Station spent 10 days without a head of news after the former head, Natalino Fenech, left the post and sought a new job at the University of Malta.*
>
> *A few days after the general election, Malta Today had revealed that veteran journalist Reno Bugej was touted to replace Fenech. MaltaToday is informed that Bugeja was meant to be appointed acting head days ago, but this only occurred this afternoon.*
>
> *This left the PBS's newsroom with a head for 10 days.*

*The PBS Board is expected to meet next Monday to confirm Bugeja's appointment"*.

7. Bhala fatt:

- L-attur kien Head of News tal-Public Broadcasting Services.
- Fl-2013 l-elezzjoni generali saret fid-9 ta' Marzu, 2013.
- Permezz ta' email datata 8 ta' Mejju, 2013, l-attur gie nfurmat li fl-assenza tieghu, Reno Bugeja kien inhatar bhala Acting Head of News. Jinghad ukoll li, *"pending further directions from the Board of Directors, you are being asked to remain on paid leave until Tuesday 14th May, 2013"*. Dakinhar stess kienet ippubblikata l-post oggett ta' din il-kawza.

8. Fil-meritu d-difiza tal-konvenuti kienet dik ta' *"fair comment"*. Pero' fil-konfront tal-attur l-artiklu ma fih ebda kumment izda asserzjoni ta' fatti, u cjoe':

   *"The Public Broadcasting Station spent 10 days without a head of news after the former head,* ***Natalino Fenech, left the post and sought a new job at the University of Malta"****.*

   Eccezzjoni li kienet ghal kollox barra minn lokha, ghaliex ma sar l-ebda kumment fil-konfront tal-attur, izda biss allegazzjoni ta' fatt. Madankollu l-ewwel qorti xorta kellha tiddetermina jekk dak rapportat dwar l-attur kienx malafamanti. Mhuwiex bizzejjed li jinkiteb xi haga li mhijiex vera. Dak li jinkiteb irid jattakka r-reputazzjoni tal-persuna.

9. Meta xehed il-konvenut Balzan ghamel riferenza ghall-kuntratt ta' impieg li l-attur kellu mal-Public Broadcasting Services u qal:

   *"Jiena nixtieq nghid illi skont il-kuntratt ta' impieg tal-istess Natalino Fenech illi jiena ghandi kopja tieghu li jiena qrajt u nobbliga ruhi li sas-seduta li jmiss nesebixxi kopja tieghu, hemm miktub illi f'kaz illi jigi terminat lilu x-xoghol kellu jibqa' jithallas ghall-perjodu ta' tliet snin wara. Jiena allura nasal ghal konkluzjoni illi la darba r-rikorrent bhal issa qieghed l-Universita ta' Malta u ma thallasx it-termination benefit, nifhem illi kien hu illi telaq u mhux li x-xoghol tieghu gie terminat"*.

   Mill-provi ma rrizultax x'kien ighid il-kuntratt ta' impieg tal-attur u lanqas dwar jekk l-attur thallasx *termination benefit*. Lanqas mhux maghruf kif l-attur beda jahdem l-Universita ta' Malta. Il-konvenut Balzan ikkonferma li kien wasal ghal konkluzjoni li l-attur kien ried jittermina l-impieg tieghu bhala Head of News u jmur jahdem l-Universita. Pero' din it-tezi ma gietx sostanzjata u ghalhekk hi asserzjoni gratuwita.

10. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:

> *"Jirrizulta car mill-provi kollha prodotti quddiemha, illi s-sit elettroniku u min tella l-artikolu fuq l-istess sit, gie mgharraf bl-email illi kienet intbaghatet lir-rikorrent ftit tal-hin qabel u, hekk kif ra il-kliem 'it has been decided in your absence' ghadda ghall-konkluzjoni illi r-rikorrnet kien abbanduna l-post tax-xoghol tieghu u qabad u ppubblika tali storja minghajr ma pprova jikkonferma tali fatti mal-persuna direttament interessat, ossija r-rikorrent"*.

L-email li rreferiet ghaliha l-qorti hi dik datata 8 ta' Mejju, 2013 li Anton Attard (li kien kap ezekuttiv tal-PBS) baghat lill-attur. Il-qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti wara li qieset il-kontenut kollu ta' dik l-email, fejn jinghad car u tond li l-attur ghandu jibqa' bil-leave sal-14 ta' Mejju, 2013. Dan jista' jfisser biss li sa dak iz-zmien kien ghadu impjegat tal-attrici.

11. Kuntrarjament ghal dak li gie rapportat, irrizulta li **mhuwiex veru li**:

- In-newsroom tal-Public Broadcasting Service kienet minghajr kap ghall-ghaxart ijiem;
- Fid-data li gie ppubblikat ir-rapport, l-attur kien telaq minn impjieg li kellu mal-Public Broadcasting Services.

12. Ghal dak li jikkoncerna l-attur, qarrej ordinarju jista' jifhem biss li fid-data tal-pubblikazzjoni (8 ta' Mejju, 2013) l-attur kien diga ittermina l-impieg li kellu mal-Public Broadcasting Services u mar jahdem l-Universita. Pero' mill-provi jidher mod iehor, u anzi minn email tat-8 ta' Mejju, 2013 mibghuta minn Anton Attard lill-Attard, jirrizulta li sa dak iz-zmien l-attur kien on leave u kien gie nfurmat li fl-assenza tieghu, *"Mr Reno Bugeja is being appointed Acting Head of News"* u nghata ordni *"to remain on paid leave until Tuesday 14$^{th}$ May, 2013"*. F'dan ir-rigward Anton Attard xehed:

- Li kien inghata ordni mill-Bord tal-PBS biex igharraf lil Natalino Fenech li kellu jmur jahdem l-Universita;
- Ma jafx x'kienet ir-raguni ghalfejn il-Bord iddecieda b'dak il-mod;
- Li kien gharraf lill-attur li kien spicca mill-kariga tieghu ta' Head of News;
- Bejn li gharraf lill-attur, lil Reno Bugeja u d-data tal-hatra ta' Reno Bugeja, kien ghaddew xi ghaxart ijiem;

13. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-attur pprezenta fl-ewwel qorti, argumenta:

*"Fil-fehma tar-rikorrent, hu car illi 'the sting of the libel' hu illi hu telaq minn idejh il-funzjoni ta' Kap ta' Ahbarijiet tal-PBS, li effettivament abbanduna l-kamra tal-ahbarijiet ghal ghaxar ijiem, kemm biex isiefer kif ukoll biex imur ifittex xoghol fl-Universita ta' Malta. Dawn huma akkuzi serji ghaliex jimplikaw nuqqas ta' professjonalita u traskuragni lejn ir-reponsabbiltajiet tieghu, liema akkuzi, kieku kienu veru, kienu jimmeritaw l-istmerrija ta' kull professjonista fil-kamp gurnalistiku"*.

Il-qorti tosserva li mhuwiex veru li l-artiklu qed jaghti l-messagg lill-qarrej li l-attur *"(….) abbanduna l-kamra tal-ahbarijiet ghal ghaxar ijiem, kemm biex isiefer kif ukoll biex imur ifittex xoghol fl-Universita ta' Malta"*. Fir-rapport ma nkitibx hekk u lanqas jinghata x'jifhem hekk.

14. L-attur xehed li ghalih dak li nkiteb kien malafamanti ghaliex:

*"(….) jghid li jiena abbandunajt il-kamra tal-ahbarijiet u fittixt xoghol iehor fl-Universita ta' Malta. Artiklu jimplika li jiena ghamilt mossa biex nagevola lili nnifsi u gejt naqa' u nqum minn dak li kien qed jigri tat-televizjoni nazzjonali"*.

Pero' din hi biss fehma soggettiva tal-attur. Imbaghad f'nota li pprezenta fil-11 ta' Ottubru, 2016 iddikjara:

*"(….) ghal dak li jirrigwarda l-bran allegatament malafamanti, l-Onor. Qorti ghandha tinnota illi huma l-kliem* ***"…. Natalino Fenech, left the post and sought a new job…"*** *huma l-pern li fuqhom iddur il-malafama, the 'sting in the libel' jekk wiehed irid jikkatterizzah hekk.*

*L-implikazzjoni necessarja u ragonevoli hi illi r-rikorrent abbanduna postu, u mhux kif jippruvaw b'mod imgebbed jinterpretaw il-kliem l-intimati"*.

F'din in-nota l-attur spjega fejn hi l-allegata malafama.

15. Kull ma ntqal fil-post b'riferenza ghall-attur hu li l-kariga ta' Head of News ghamlet ghaxart ijiem vakanti wara li l-attur telaq mill-kariga u fittex impieg fl-Universita ta' Malta. Impjegat, kif kien l-attur mal-Public Broadcasting Service, jabbanduna l-post tax-xoghol meta jaqbad u ma jirraportax ghax-xoghol.

16. Il-qorti mhi konvinta xejn li l-post in kwistjoni pubblikata fit-8 ta' Mejju 2013, fiha *defamatory statement* fil-konfront tal-attur. M'hemm xejn hazin li persuna tittermina l-impieg taghha u ssib xoghol band'ohra. Fl-ebda parti tal-artiklu ma sar xi kumment fil-konfront tal-attur fejn per ezempju l-qarrej inghata x'jifhem li f'dak li allegatament aghmel l-attur, ma kienx professjonali jew li bhala Head of News kien harab l-obbligi li kellu mal-principal li kien ihaddmu. Sahansitra fl-istess artiklu jinghad:

*"A few days after the general election, Malta Today had revealed that veteran journalist Reno Bugeja was touted to replace Fenech. MaltaToday is informed that Bugeja was meant to be appointed acting head days ago, but this only occurred this afternoon.*

*This left the PBS's newsroom with*(out) *a head for 10 days"*.

Kliem li ta lill-qarrej ordinarju x'jifhem li sa minn ftit granet wara l-elezzjoni kienet ittiehdet id-decizjoni li l-attur jitnehha minn Head of News tal-Public Boradcasting Services, u li ghal dik il-kariga kien qieghed jigi 'imbuttat' Reno Bugeja. Fil-fatt dak hu proprju li gara. Li kieku verament il-PBS aghmlet ghaxart ijiem bla *head of news*, kien jirrifletti hazin fuq il-Bord tal-PBS u mhux fuq l-attur li mkien ma sar xi accenn li kiser xi obbligi kuntrattwali tal-impieg tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tvarja s-sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2016 fis-sens li tichad it-talba tal-attur.**

**Dwar l-ispejjez l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu u nofs l-ispejjez tal-konvenuti, fir-rigward taz-zewg istanzi. In-nofs tal-ispejjez l-ohra tal-konvenuti huma a karigu taghhom.**

Anthony Ellul.